MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Numru 641/2003

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**vs**
**Joseph Fenech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Fenech** ta’ 48 sena, bin Gregory u Beatrice Frendo, mwieled B’Kara fit-2 ta’ Novembru, 1954, residenti ‘Villa Vienna’, Flat numru 1, Antonio Schembri Street, Kappara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 823954(M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fil-perjodu ta’ bejn Settembru 2001 u Jannar 2002;

B’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq, ingann, jew

billi urejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji , jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh ta' Lm1,200 ghad-dannu ta' Absi Rabiaa u persuni ohra dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz ingieb quddiem din il-Qorti wara rapport li kien sar minn persuna li qalet li kienet silfet l-ammont ta' Lm1000 lill-imputat li da parti tieghu kien hareg cheque ta' Lm1200 dak il-hin stess izda dan ic-cheque ma ssarrafx meta waslet id-data ta' maturita' tieghu.

Illi l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat, minnu iffirmata Dok AM1, f'liema stqarrija l-imputat jghid illi huwa kien hareg cheque ta' Lm1200 lill-kwerelanta biex silfitu l-ammont kontanti ta' Lm1000. L-ammont ta' Lm200 kien tajhomla bil-"bona grazia" tieghu talli ghamlitlu pjacir. Dak il-hin li kiteb ic-cheque kellu Lm300 fil-kont u c-cheque kien post dated izda sad-data ta' maturita' ma lahaqx dahhal flus fil-kont u kien avza lill-kwerelanta b'dan u biex ma tmurx issarraf ic-cheque. Oltre dan huwa kien diga radd lura s-somma ta' Lm400.

Aidi Magid xehed illi l-imputat kien talbu jisliflu Lm1000 u biex jikkonvincih urieh cheque u qallu biex isarfu xahar jew xahrejn ohra. Hu mar kellem lill-kugintu Absi Rabia li accettat dment li kien jaf lill-imputat. Dan ix-xhud jghid li l-flus silifhom hu lill-imputat u li c-cheque kien miktub bil-lest izda isem il-"payee"kien vojt u Absi Rabia kitbet isimha fuqu. Dan ix-xhud qal ukoll illi Absi Rabia thallset

billli l-imputat trasferixxa mutur ghal fuq isem Magid u kkonferma li ma kellu jiehu xejn minghand l-imptuat oltre li hu stess imbaghad trasferixxa l-mutur fuq Absi Rabi u dan ghaliex kien hu li ha l-flus minghandha;

Illi in kontro-ezami dan ix-xhud qal li kien hu li ssellef minghand Absi Rabia u li din kienet kuntenta li ser taghti l-flus lilu u mhux lill-imptuat. Aktar ‘l quddiem dan ix-xhud jghid li minn din it-transazzjoni hu ghad ghandu jiehu flus minghand l-imputat;

Absi Rabia xehedet illi l-kugin taghha kien talabha Lm1000 biex jghaddihom lill-imputat fuq il-premessa li dan kien habib tieghu u xtaq jghinu. Hi accettat silfet il-flus, izda f’dan l-istadju mhux cert min silef lil min u cioe’ jekk Rabia silfitx il-flus lill-imputat jew lil Magid li da parti tieghu tahom lill-imputat. F’dan ir-rigward, d-domandi tad-difiza dwar l-interess li kellu Magid kienu pertinenti hafna tant li in kontro-ezami Absi Rabia qalet li hi riedet tislef il-flus lill-kugin taghha Magid u li l-pjacir riedet taghmlu lilu u mhux lill-imputat. Hi tat il-flus lill Magid u fil-presenza taghha ghaddihom lill-imputat u li hi tat il-flus lil Magid ghax kienet tavdah. Inoltre dak il-hin la Magid u anqas hi ma talbet xi cekk bhala garanzija izda meta l-imputat hareg ic-cheque serhet rasha u haditu. Il-kwerelanta ikkonfermat illi bic-cheque jew minghajru xorta wahda kienet ser tislef il-flus lil Magid.

L-imputat xehed li ilu jaf lil Magid xi tnax jew tlettax-il sena u kien ghenu diversi drabi fil-hajja personali tieghu. Darba kien talbu pjacir biex jigbor flus ghall-habib tieghu (tal-imputat) izda dan ma kellux u weghdu li jgibhomlu minghand il-kugina tieghu. Meta gablu l-flus, huwa hareg cekk iffirmat mit-tifla tieghu u tah lill-kwerelanta minn jeddu u mhux bhala kondizzjoni;

Il-prosekuzzjoni ressqet prova dwar il-qaghda finanzjarja bankarja ta’ bint l-imputat li f’isimha huwa intestat ic-“cheque book”. Il-provi juri illi fid-data indikata fuq ic-cheque kif ukoll fid-data li fih kien “referred to drawer” qatt ma kien hemm flus fil-kont.

Ikkunsidrat:

Illi sabiex jirrizulta r-rejat ta’ truffa kif ravvizat fl-artikolu 308 jehtieg li jikkonkorru tlett elementi. L-insenjament tal-Qrati taghha dwar dan ir-rejat hu ben rifless fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta’ Lulju 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Custo**. F’dak il-kaz il-Qorti qalet li l-ewwel element jikkonsisti f’ att li bih tkun murija haga b’ohra, maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta’ krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qligh bi hsara ta’ haddiehor. Dan huwa l-messa in xena. It-tieni element huwa l-*mens rea*, u cioe’ l-att volut ta’ l-agent u predeterminat sabiex igieghel lil haddiehor jemmen l-ezistenza ta’ kreditu immaginarju; u t-tielet element hu dak tal-qligh bi hsara ta’ haddiehor.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza Il-**Pulizija vs George Manicolo, deciza fil-31 ta’ Lulju, 1998**, irriteniet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici.

Illi mill-provi mismugha jirrizulta lil-din il-Qorti illi ic-cheque moghti mill-imputat ma kienx il-kondizzjoni li dwaru inghata dan is-self ghaliex jirrizulta illi s-self sar fuq l-affidabilita li kienet tezisti bejn l-imputat u Magid. Jirrizulta ukoll illi l-kwerelanta ma silfet ebda flus lill-imputat u li din silfet il-flus lill-kugin taghha li da parti tieghu silef l-istess lill-imputat. Bejnithom kien hemm sensiela ta’ self u pagamenti u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jaghmlu garanzija fuq dan in-negozju. Jirrizulta ukoll illi l-imputat

kien ga hallas Lm400 mid-debitu u fil-mori tal-kawza ssalda l-kont billi hallas lill-Magid li da parti tieghu hallas lill-kwerelanta.

Illi ghalhekk ma jikkonkorri l-ebda element tar-reat kif ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kap 9 u ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------